15 ta' Mejju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Dottor Calcedonio Zammit, M.D., versus Frank Agius, O.B.E. et. ne.

**Assemblea Leġislativa — Elezzjonijiet — "Recount" — Art. 16 (1) tal-Polling Regulations, 1939.**

*Fl-okkażjoni ta' elezzjoni ta' membri ta' l-Assemblea Leġislativa, il-Qorti tista' tordna "recount" totali jew parzjali tal-voti li jkunu ngħataw f'dik l-elezzjoni, meta jidhrilha li jkun hemm raġunijiet biżżejjed biex jiġġustifikaw dak ir-"recount".*

*Fil-każ preżenti rriżulta li kien sar żball fil-għadd tal-voti, u l-Qorti dehrilha li kien hemm raġuni biżżejjed biex isir "count" ġdid sabiex il-kandidat interessat, u l-publiku in ġenerali, ikunu persważi li l-voti ngħataw lil min kien jisthoqq. Għalhekk il-Qorti ordnat li jsir "recount" intier, però mhux b'mod li jitħalltu l-voti kollha tad-distrett fil-kwistjoni b'mod li qisu ma sar xejn, imma b'mod li jiġu ċċekkjati l-pakki tal-voti ġà assenjati mill-bidu u fil-kors tal-"counts" lil kull kandidat f'dak id-distrett, biex b'hekk jiġi aċċertat ir-riżultat ta' l-elezzjoni għad-distrett fil-kwistjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa kien kandidat għar-Raba' Distrett tal-Malta Labour Party fl-elezzjoni għall-Assemblea Leġislativa għas-sena 1951; u li ġie annunzjat, taħt id-direttivi tal-konvenuti, li ġiet eletta għar-Raba' Distrett l-Onorevoli Mabel Strickland b'disgħa u għoxrin vot aktar mill-attur; u li ġie

dikjarat, ukoll fuq direttiv tal-konvenuti, li l-kandidat Dottor Antonio Pullicino f'wieħed mill- "counts" kellu biss tliet voti taħt il-kwota; u illi, fil-każ kuntrarju ta' kwota sħiħa, it-"transfers" sussegwenti kienu possibilment ikunu differenti minn kif ġie annunzjat, u b'riżultat finali divers; u illi wara "recount" parzjali rriżulta li fil-ħdax-il-"count" kien hemm bi żball vot li kien imissu ngieb f'"count" preċedenti; u illi l-"counts" u t-"transfers" kollha huma żbaljati a preġudizzju ta' l-attur; talab illi dina l-Qorti tordna li jsir "recount" intier tal-voti kollha tar-Raba' Distrett Elettorali, għall-aċċertament tar-riżultat bil-modifiki meħtieġa skond il-każ. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, li biha jgħidu illi t-talba, kif proposta, mhijiex bażata fil-liġi, billi l-uniku każ kontemplat mill-liġi għal għadd mill-ġdid tal-voti kollha huwa dak meta ssir talba għat-tħassir ta' l-elezzjoni ta' xi persuna ("Election Petition")—regolament 16 (1) tar-Regolamenti għall-Votazzjoni, 1931 — li evidentement ma huwiex il-każ preżenti; illi fil-meritu, għalkemm l-eċċipjenti huma soddisfatti mill-mod li bih ġew magħdudin u trasferiti l-voti, u għalhekk jidhrilhom li l-fatti msemmijin fil-premessi taċ-ċitazzjoni ma jiggustifikawx it-talba għal "recount", l-eċċipjenti jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 16 (1) tal-"Polling Regulation, 1939", "upon an election petition, the Court may direct the whole or any part of the ballot-papers, to be recounted, and the result of the election to be ascertained in accordance with these Regulations". Evidentement l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq dina d-dispożizzjoni, billi jippretendi li waqt il-għadd tal-voti sar żball, u dan l-iżball seta' kien kaġun li xi persuna ġiet eletta minflok persuna oħra. Ma hux kontestat illi l-attur kien wieħed mill-kandidati fl-elezzjonijiet li għadhom kemm saru, u għad-distrett li fil-għadd tal-voti fih huwa jippretendi li sar dak l-iżball, u għalhekk huwa għandu nteress li jagħmel din l-azzjoni. U l-istess

żball, jekk sar, jista', jekk u meta jiġi korrett, iġib riżultat ieħor, u konsegwentement tista' titħassar l-elezzjoni ta' xi persuna li ġà ġiet eletta minħabba dak l-iżball. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni mhijiex sostenibili;

Illi, fil-meritu, jingħad li skond id-dispożizzjoni fuq imsemmija, jidher li l-Qorti tista' tordna dan ir-"recount" jekk u meta jidhrilha li jkun hemm raġuni soddisfaċenti li tiġġustifikah. Issa ġie pruvat, anki b'ammissjoni tal-konvenuti nomine, li fil-ħdax-il "count" tal-voti fid-distrett fil-kwistjoni nstab, waqt "recount" li kien ġie mitlub mill-attur, li kien hemm żball ta' vot li kien imissu ġie inkluż mhux f'dak il-"count", imma f'"count" ieħor preċedenti;

Illi l-konvenut Professur Dr. Xuereb fisser fix-xhieda tiegħu li dan l-iżball ma seta' qatt jinfluwixxi u jaltera l-pożizzjoni jew il-għadd tal-voti tal-persuni li sa allura kienu għadhom ma ġewx eletti. Però, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, dan l-iżball, li nstab b'mera kumbinazzjoni u wara li, kif fisser l-istess konvenut Professur Dr. Xuereb, kienu ngħaddu l-voti għal aktar minn darba, mhux biss mis-"sorters", imma wkoll mill-konvenuti Dr. Xuereb, Prof. Cremona, is-sorter Walter Camilleri, u oħrajn, ma jistax ma jinkutix, almenu fl-attur, li kien wieħed mill-kandidati nteressati f'dak il-għadd tal-voti, u li sa allura bejnu u bejn persuna oħra kandidat għal dak id-distrett stess, kien hemm differenza żgħira ta' voti, il-ħsieb li seta' kien sar xi żball ieħor, u speċjalment li dak il-vot, li kieku ngħata fil-"count" li kien imissu, seta' ġieb riżultat differenti minn dak li ġie sa issa dikjarat. Ma jridx jintnesa li, kif jallega l-attur u jammettu l-konvenuti, il-persuna eletta ma ġiebetx ħlief 29 vot aktar mill-attur, u għalhekk jidher li jkun ġust li l-attur ikun persważ, flimkien mal-publiku in ġenerali, mill-affermazzjoni tal-konvenut Dr. Xuereb, jiġifieri li b'dak l-iżball b'kollox huwa, fil-każ ma tilef ebda vot li kien ħaqqu jġib; u dina l-persważjoni ma tistax tingħatalu ħlief billi jsir "recount". Għalhekk it-talba ta' l-attur għal "recount" intier tidher ġustifikata. Biss, dan ir-"recount" ma għandux isir b'mod illi jitħalltu l-voti tal-kandidati kollha flimkien bħalli kieku għadhom ma ngħaddux il-voti u kollox sejjer isir mill-ġdid, imma b'mod illi jiġu "checked" il-"bundles" tal-voti ġà assenjati mill-bidu u fil-kors tal-"counts"

lil-kull kandidat, biex b'hekk jiġi aċċertat ir-riżultat ta' l-elezzjoni għad-distrett fil-kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi (1) tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-konvenuti, u (2) tilqa' t-talba ta' l-attur bil-modifiki fuq imsemmija. L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu kollha bejn il-partijiet bla taxxa; imma d-dritt tar-Reġistru jħallsuh il-konvenuti nomine.